MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 2/2008/1

**Saviour Ellis personalment u fil-kwalita` tieghu ta' direttur u azzjonist tas-socjeta` A.F. Ellis Limited u Josephine Ellis**

**v.**

**Rita Ellis, Tonio Ellis, Dr Joseph Ellis, Dr Nathalie Gatt Ellis**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell ad istanza tal-intimati minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali fil-4 ta' Frar 2009 liema, sentenza sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar ta' dana l-appell.
"Il-Qorti;

"1. Permezz ta' din il-procedura[1], li qeghda ssir ai termini tal-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lill-qorti sabiex tawtorizza lir-rikorrent Saviour Ellis sabiex f'ismu u fl-interess tal-kumpannija A.F. Ellis Limited jibda proceduri gudizzjarji kontra l-intimati sabiex jigu zgumbrati minn gewwa l-fond 16, Triq Ghajn Qatet, Victoria u ghall-hlas ta' penali skond dak pattwit fi skrittura, kif ukoll sabiex taghti kull ordni ohra li hi necessarja biex il-kumpannija titmexxa fl-ahjar interess tal-membri taghha.

"2. L-intimati huma kollha azzjonisti fil-kumpannija A.F. Ellis Limited (numru ta' registrazzjoni C3186). Id-diretturi tal-kumpannija huma Saviour Ellis u Tonio Ellis. Ir-rapprezentanza tal-kumpannija fi proceduri gudizzjarji hi f'idejn zewg diretturi.

"3. Permezz ta' skrittura privata li saret fit-23 ta' Mejju 2006, il-partijiet waslu fi ftehim dwar kif ghandha ssir il-qasma tal-kumpanniji A.F. Ellis Limited u A.F. Ellis (Trading) Limited. Skond dan il-ftehim, gie pattwit li l-intimati ghandhom dritt ikomplu jokupaw il-fond 16, Ghajn Qatet Street, Victoria, Ghawdex[2] *"....without any title, but only on mere tolerance from the first company up to one year and six months from the date the third party vacates the garage and the open hut existing at the back of protion B of the Xewkija premises as abovmentioned today, saving force majeure. Upon expiry of this period, possession of the said premises shall automatically vest in the first company..... Provided that the fourth party[3] shall be entitled to continue making use of the office at the premises at 16, Ghajn Qatet Street, Victoria belonging to*

[1] Rikors prezentat fit-23 ta' Settembru 2008.
[2] Proprjeta' ta' A.F. Ellis Limited.
[3] L-intimati.

*the first company for a period of one year from the date of the issue of a valid MEPA permit for the construction of an office/showroom at Portion B of the Xewkija premises or two years from today, whichever comes earlier".* Skond l-istess ftehim, l-intimati ghandhom ihallsu s-somma ta' €116.47 ghal kull gurnata ta' dewmien f'kaz li ma jirrilaxxaw id-dentenzjoni tal-fond fit-terminu pattwit.

"3. L-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji jipprovdi:-

> **402.** (1) Kull membru ta' kumpannija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b'mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x'aktarx se jkunu, oppressivi b'mod mhux ġust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux ġust ta' preġudizzju, għal membru jew membri jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in ġenerali, jista' jagħmel rikors lill-qorti għal ordni taħt dan l-artikolu.

"Jibda biex jinghad li dan il-provvediment jista' jigi nvokat mill-membri kollha, u mhux biss minn membri minoritarji u m'hemmx dubju li d-diskrezzjoni u l-poteri moghtija lill-qorti f'dan il-kuntest huma wesghin. Minn dan il-provvediment hu evidenti li:-

"(a) Dan il-provvediment japplika wkoll f'kaz ta' att jew ommissjoni izolata;

"(b) Ir-rimedju jista' jinghata kemm ghal dak li jkun gara fil-passat u wkoll xi att propost li jsir fil-futur;

"(c) L-ilment jrid ikun fuq it-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpannija jew fuq att jew ommissjoni tal-kumpannija.

"Azzjoni li fil-ligi Ingliza hi kontemplata fl-Artikolu 994 tal-Att dwar il-Kumpanniji 2006[4] li jipprovdi:-

---

[4] Qabel l-Artikolu 459(1) tal-Att tal-1985: *"A member of a company may apply to the court by petition for an order under this Part on th ground that the company's affairs are being or have been conducted in a manner which is unfairly prejudicial to the interests of its members generally or some part of its members (including at least himself) or that any actual or proposed act or omission of the company (including an act or omission on its behalf) is or would be so prejudicial.".*

*"A member of a company may apply to the court by petition for an order under this Part on the ground—*

*"(a) that the company's affairs are being or have been conducted in a manner that is unfairly prejudicial to the interests of members generally or of some part of its members (including at least himself), or*

*"(b) that an actual or proposed act or omission of the company (including an act or omission on its behalf) is or would be so prejudicial."*.

"Fil-procediment **Philomena Ellul vs Charles Ellul proprio et nomine** deciz fil-31 ta' Jannar 2003 mill-Qorti tal-Appell, gie osservat li fl-applikazzjoni ta' dan il-provvediment *"….. ispirata fuq principji ta' ekwita' aktar milli minn drittijiet strettament legali – il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-aspettativi legittimi ('legitimate expectations') li r-rikorrent jista' jkollu u li sikwiet ikunu ferm aktar wiesgha mid-drittijiet strettament legali li johorgu mill-istatut tas-socjeta. Dawn l-aspettativi legittimi jiwieldu minn xi relazzjonijiet personali partikolari bejn l-azzjonisiti."*, u *"Kif diga' gie spjegat aktr qabel l-artikolu 402 hu ispirat minn koncetti legalistici izda minn principji ta' ekwita' u gustizzji li jirrikonoxxu l-interessi u l-aspettativi legittimi li jmorru oltr mill-kelma tal-istatut tas-socjeta` jew addirittura tal-ligi stess."*.

"Fil-kuntest tal-aspettativi legittimi, fil-kawza *Re Elgindata* (1991)[5] gie osservat li, *"In general members of a company have no legitimate expectations going beyond the legal rights conferred on them by the constitution of the company, that is to say its memorandum and articles of association.* ***None the less, legitimate expectations superimposed on a member's legal rights may arise from agreements or understandings between the members."***. Fuq l-istess linja, fil-kawza Re a Company (numru 00477 tal-1986), Hoffman J spjega li dan il-provvediment: *"Enables the court to protect not only the*

[5] Riferenza ghal din is-sentenza nsibuha fil-ktieb *Minority Shareholders' Rights* (Tieni Edizzjoni, Sweet & Maxwell, 1994) pagna 65.

*rights of members under the constitution of the company but also the "rights, expectations and obligations" of the individual shareholders inter se. In this typical case of the corporate quasi-partnership, these will include the expectations that the member will be able to participate in the management of the company."*[6]. Tista' tghid li fuq l-istess binarju, fil-kawza Re Norvabron Pty Ltd (No 2) [1986][7] inghad:- *"Further for the determination of the rights, expectations and obligations inter se of the persons behind it, a company is more than a mere judicial entity, and those rights are not necessarily merged into its structure:* ***Ebrahimi v Westboume Galleries Ltd*** *[1973] AC 360. Although that case was decided on the "just and equitable" provision, in this respect precisely the same considerations apply to s 320, where the relationship of those persons inter se is the foundation of the remedy."*.

"Irid jissemma wkoll kif fil-ligi Ingliza jidher li dan ir-rimedju japplika wkoll *"….to ensure that in any* ***conflict of interest*** *the directors are not too ready to subordinate the company's interest to some personal interest of their own. Thus in Whyte, Petitioner proposed alterations to the composition of the board were restrained where there was a danger that the newly composed board would move to compromise litigation which the company had commenced. Likwewise in Re a Company (No 008699 of 1985) the court thought an action would lie if it could be shown that the* ***board's conduct*** *in relation to a particular takeover bid had been motivated by a desire to see it fail in order that a bid of their own might succeed"* (Farrar's Company Law, J.H. Farrar, N.E. Furey u B.M. Hannigan pagna 469[8]).

"4. M'hemmx kontestazzjoni li sal-lum il-kumpannija ghadha ma bdietx proceduri gudizzjarji kontra l-intimati sabiex jigu zgumbrati minn gewwa l-fond 16A, Triq Ghajn Qatet, Victoria, Ghawdex. M'hemmx dubju wkoll li:-

"(a) Minhabba dizgwid li hemm bejn ir-rikorrent u l-intimati;

---

[6] Ara wkoll Re Postgate & Denby (Agencies) 1987.
[7] Qorti Suprema ta' Queensland.
[8] Tielet Edizzjoni, Butterworths.

“(b) Il-fatt li l-ishma huma maqsuma bejn iz-zewg familji, u li l-bord ta’ diretturi hu kompost minn membru ta’ kull familja;

“(c) Il-fatt li l-intimati huma l-azzjonisti fil-kumpannija A.F. Ellis (Home Décor) Limited, li skond l-intimati qeghda tokkupa l-fond in kwistjoni;

“m’huwiex ser ikun hemm qbil bejn id-diretturi li jinbdew proceduri gudizzjarji. Dan in kwantu l-intimati ghandhom kunflitt ta’ interess. Ghalkemm l-intimati jsostnu li r-rikorrent seta’ facilment isejjah laqgha tal-bord tad-diretturi sabiex tittiehed decizjoni dwar jekk il-kumpannija ghandix tintavola proceduri gudizzjarji, ir-realta’ hi ohra in kwantu l-intimati ghandhom l-interessi personali taghhom u tal-kumpannija A.f. (Home Decor) Limited. Mis-sottomissjonijiet li ghamel id-difensur tal-intimati (li hu wkoll intimat) hu evidenti li din il-kumpannija trid tkompli taghmel uzu mill-fond sakemm jitlesta l-bini fejn ghandha l-hsieb li tittrasloka. Tant dan hu minnu li fir-risposta qeghda tinvoka l-forza magguri bhala raguni ghalfejn il-fond ma giex ritornat lill-kumpannija A.F. Ellis Ltd. Wiehed mill-intimati hu Tonio Ellis, id-direttur l-iehor tal-kumpannija, u mir-risposta li pprezenta flimkien ma’ l-intimati l-ohra m’hemmx dubju li ma jaqbilx mal-proceduri gudizzjarji proposti mir-rikorrent. Fil-fehma tal-qorti r-rimedju alternattiv li qeghdin jikkontemplaw l-intimati mhu rimedju xejn ghaliex il-partijiet qeghdin litteralment f’sitwazzjoni ta’ *deadlock*.

“Ghal dawk li huma eccezzjonijiet ohra li gew sollevati mill-intimati fir-risposta taghhom[9], jinghad li:-

“(a) Ghalkemm hu minnu li mill-istatut tal-kumpannija jirrizulta li Josephine Ellis m’hijiex membru, il-qorti qeghda tifhem li isimha tnizzel bhala rikorrenti ghal kull interess li jista’ ghandha peress li hi mizzewwga lir-rikorrent;

[9] 30 ta’ Ottubru 2008.

"(b) Ghal dak li hu interess guridiku ta' A.F. Ellis Ltd, m'hemmx dubju li taht l-Artikolu 402 tal-Kap. 386 l-interess irid ikun ta' membru tal-kumpannija. Salvatore Ellis ghandu ghalhekk l-interess guridiku li jagixxi bhala membru fl-istess kumpannija.

"(c) Jekk l-intimati ghandhomx il-pussess tal-fond jigi determinat fil-proceduri gudizzjarji li jsiru. Wiehed ma jridx jinsa wkoll li l-kumpannija A.F. (Home Decor) Limited hi tal-intimati. Minn qari tal-Artikolu 402 ma jirrizultax li din il-procedura ma tapplikax fejn ikun hemm lok li l-kumpannija tiehu proceduri gudizzjarji kontra terza persuna. Ghalkemm f'dan il-kuntest l-intimati ghamlu riferenza ghall-osservazzjoni ta' Prof. Andrew Muscat li *"The statutory remedy does not however appear to be applicable where the wrong has been done to the company by third parties and the directors cannot, or will not, insitute proceedings to protect the interests of the company. In such case, the derivative action can continue to offer a significant remedy."*[10], madankollu l-Artikolu 402 ma jimponi l-ebda limitazzjoni kontra min il-qorti tista' tordna li ssir kawza.

"(d) Ghal dik li hi t-talba sabiex il-qorti tordna li ssir laqgha tal-bord tad-diretturi, dan m'huwiex il-mod korrett kif ghandha ssir talba taht l-Artikolu 402. F'kull kaz fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2008 wara li d-difensur tar-rikorrent iddikjara li *"....m'hemmx l-ebda oggezzjoni min-naha tar-rikorrent li jattendi ghal laqgha tal-Bord tad-Diretturi sabiex jigu preparati u verifikati l-accounts tal-kupannija....."*, il-partijiet ftehemu li *"...ssir laqgha tad-Diretturi, nhar is-Sibt 8 ta' Novembru 2008 fil-11.00 a.m. fl-ufficcju tas-sur John Buttigieg (awditur) bl-iskop li jigu diskussi t-thejjija u l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-kumpannija."*. Ghalhekk il-qorti ma tqiesx li hemm htiega li f'dan l-istadju tinghata xi ordni.

"5. F'din is-sitwazzjoni ta' *stalemate* hu evidenti li l-kumpannija m'hijiex ser taghmel kawza. Il-mistoqsija hi, dan in-nuqqas tal-kumpannija hu jew x'aktarx ser ikun:-

---

[10] Principles of Maltese Company Law, Malta University Press (2007) pagna 916.

"(a) oppressiv;
"(b) b'mod mhux gust diskriminatorju;
"(c) b'mod mhux gust ta' pregudizzju

"ghal Saviour Ellis li hu membru fil-kumpannija ? Dan in kwantu dan il-provvediment hu ntiz ghal harsien tal-membri tal-kumpannija.

"Skond il-ftehim tat-23 ta' Mejju 2006 il-kumpannija A.F. Ellis Limited waqfet tinnegozja fil-5 ta' Marzu 2001; *"....but have continued and shall continue in existence for such time as is necessary to execute their division equitably between the third party and the fourth party."* (fol. 27). L-iskop ta' dan il-ftehim kien proprju sabiex isir pjan ta' qasma tal-kumpanniji A.F. Ellis Limited u A.F. Ellis (Trading) Limited. Il-ftehim jikkontempla wkoll il-mod kif ser jinqasam il-fond in kwistjoni (ara klawzola 18), ezercizzju li hu evidenti li ghadu lanqas beda. Gialadarba sar dan il-ftehim, li ghalih kienu parti l-kontendenti u wkoll il-kumpannija A.F. Ellis Limited, r-rikorrent (bhala membru) ghandu kull interess li jara li dan il-ftehim jigi mwettaq. Wiehed ghandu jiftakar li d-drittijiet tal-membri ma jirrizultawx biss mill-istatut tal-kumpannija, imma wkoll minn ftehim separat tal-azzjonisti.

"Il-fatt li minkejja dak li jinghad fil-ftehim sal-lum il-kumpannija A.F. Ellis Limited ghadha ma bdietx proceduri gudizzjarji sabiex il-fond jigi zgumbrat, jista' jinghad li qieghed jaghti lok ghal pregudizzju mhux gust lir-rikorrent li ghandu interess li jara li l-ftehim jigi mwettaq sabiex tkun tista' ssir id-divizjoni bil-mod pattwita.

"6. Skond l-Artikolu 402 il-qorti tista' taghti ordni lill-kumpannija *"....li tibda, tiddefendi, tkompli jew ma tkomplix prociediment tal-qorti, jew tawtorizza lil membru jew membri tal-kumpannija li jibdew, jiddefendu, ikomplu jew ma jkomplux procedimenti tal-qorti f'isem u ghan-nom tal-kumpannija."*.

"Fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2008 l-avukat Dr Joseph Ellis iddikjara li l-intenzjoni hi li dik il-parti tal-fond li

qeghda tintuza ghall-magazinagg tigi vakata sa massimu ta’ sebgha (7) xhur. Min-naha tieghu r-rikorrent iddikjara li bla pregudizzju *“....huwa lest jaccetta li l-intimati jew is-socjeta taghhom ikomplu fid-detenzjoni tal-fond 16, Ghajn Qatet, Rabat, sal-ahhar ta’ Mejju 2008.”*. Jidher ghalhekk li l-partijiet m’humiex jaqblu. Madankollu fit-tama li l-partijiet jaslu ghal ftehim u sabiex isir tenattiv biex jigu evitati proceduri gudizzjarji bla bzonn li jaghtu lok ghall-iktar spejjez u kwistjonijiet, il-qorti ser tawtorizza lir-rikorrent sabiex ghan-nom tal-kumpannija jibda proceduri ta’ zgumbrament wara l-31 ta’ Mejju 2009. Dan bla pregudizzju ghal kwalsiasi jedd ghall-hlas ta’ danni jew kumpens iehor minhabba okkupazzjoni jekk jirrizulta li l-pretenzjoni ghandha bazi. Il-qorti qeghda taghmilha cara li l-fatt li qeghda timponi dan it-terminu ma jfissirx li b’xi mod qeghda taghti xi dritt lill-intimati jew lil A.F. Ellis (Home Decor) Limited li tibqa’ tokkupa l-fond 16, Triq Ghajn Qatet, Victoria, Ghawdex iktar minn dawk li jirrizultaw mill-ftehim.

“Fir-rigward tal-penali fl-ammont ta’ €232.94 ghal kull gurnata li r-rikorrent isostni li huma dovut lill-kumpannija in kwantu l-intimati ma onorawx l-obbligazzjoni, wiehed jistqarr li l-ftehim m’huwiex daqstant car. F’dan il-kuntest jrid jissemma kif skond il-ftehim:-

“i. Il-fond 16, Triq Ghajn Qatet, Victoria, Ghawdex kellu jibqa’ jintuza b’tolleranza mill-intimati u l-kumpannija A.F. (Decor Home) Limited ghall-perjodu ta’ sena u sitt xhur mid-data li Saviour u Josephine konjugi Ellis jivvakaw *“....the garage and the open hut existing at the back of portion B of the Xewkija premises as abovementioned today, saving force majeure.”*;

“ii. L-ufficcju tal-fond 16, Triq Ghajn Qatet, Victoria kellu jibqa’ jintuza mill-intimati u l-kumpannija A.F. (Decor Home) Limited ghall-perjodu ta’ sena mid-data tal-hrug ta’ permess ta’ zvilupp ghall-bini ta’ ufficcju/showroom *“...at Portion B of the Xewkija*

*premises”* jew sentejn mid-data tal-ftehim (23 ta’ Mejju 2006);

“iii. Il-penali kellha tithallas jekk l-intimati u l-kumpannija A.F. (Decor Home) Limited ma jivvakawx minn dik il-parti ta’ 16, Triq Ghajn Qatet, Victoria li ma tigix allokata lilha fi zmien sitt (6) xhur mid-data tat-tlugh tal-polza ghall-qasma tal-fond f’zewg porzjonijiet. Polza li kellha ssir wara li jigi nkarigat perit (skond klawzola numru 18) biex jaghmel pjan ta’ qasma. Sal-lum, l-ezercizzju tal-qasma tal-fond (ara klawzola 18) ghadu ma bedix. Mad-daqqa t’ghajn jidher li din ir-rata ta’ penali kellha tithallas f’kaz li ssir il-pjan ta’ qasma u jittellghu l-poloz, u fi zmien 6 xhur l-intimati u l-kumpannija A.F. (Decor Home) Limited ma jivvakawx minn dik il-parti li tkun giet assenjata lill-parti l-ohra. Madankollu dan ma jfissirx li ma jistax jintalab il-hlas ta’ danni jew kumpens iehor ghall-okkupazzjoni wara li jkun skada t-terminu pattwit.

“Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddecidi r-rikors billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati, tilqa’ t-talba fis-sens li:-

“1. Tawtorizza lir-rikorrent sabiex b’effett mill-1 ta’ Gunju 2009 ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija A.F. Ellis Limited jintavola proceduri gudizzjarji kontra l-intimati u A.F. Ellis (Home Decor) Ltd ghat-twettiq tal-obbligazzjoni pattwita fi klawzola 5 (*Continued occupation of immovable property belonging to the first company and the third party*) fir-rigward tal-fond 16, Triq Ghajn Qatet, Victoria u hlas wara li skada t-terminu li matulu l-intimati u A.F. Ellis (Home Decor) Ltd kellhom jibqghu jokkupaw il-fond.

“L-ispejjez ta’ din il-procedura jibqghu rizervati ghal wara li tinghata s-sentenza defenittiva fil-kawza li ser issir skond dan il-provvediment.

**<u>Rikors tal-appell tal-intimati</u>**

L-intimati hassewhom aggravati b'din is-sentenza u interponew appell minnha. In succint l-aggravji taghhom huma s-segwenti:

1. L-ewwel aggravju tal-intimati appellanti huwa li l-ewwel Qorti marret oltre dak mitlub minnha meta awtorizzat lir-rikorrent, bla ma specifikat liema wiehed minnhom u f'liema kwalita' tieghu, jintavola l-procedura gudizzjarja kontra l-intimati u kontra A. F. Ellis (Home Décor) Ltd. L-ewwel Qorti agixxiet b'mod *ultra petita* meta awtorizzat lir-rikorrent jew rikorrenti jipprocedu anke fil-konfront tas-socjeta` A. F. Ellis (Home Décor) Ltd. meta dina ma kienitx parti mill-proceduri u lanqas saret talba kontra taghha.

2. It-tieni aggravju tal-intimati appellanti huwa li r-rikorrenti setghu ghamlu talba lill-Qorti bil-mod ordinarju sabiex l-intimati josservaw id-disposizzjonijiet tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet u mhux jipprocedu b'azzjoni skond l-Att dwar il-Kumpaniji. Huma jeskludu li l-fatt li huma ma vvakawx il-fond in kwistjoni qed jostakola l-qasma tal-istess fond. Ghalhekk ma jirrizulta xejn ingust, oppressiv jew diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti kif rikjest fl-artikolu 402 tal-Kap 386.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-intimati talbu r-revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

**<u>Risposta tar-rikorrenti appellati</u>**

Ir-rikorrenti appellati jikkontendu li s-sentenza appellata hija wahda gusta u li timmerita li tigi kkonfermata, prevja c-cahda tal-appell, bl-ispejjez kontra l-appellanti. L-appellati qed isostnu li s-sentenza ma kienitx *ultra petita* jew *extra petita* billi t-talbiet tar-rikorrenti huma wiesa bizzejjed biex jikkomprendu l-ordni li tat l-ewwel Qorti.

Dwar it-tieni aggravju l-appellati jirritjenu li dan huwa wiehed konfuz, kontradittorju u jipprova jikkonfondi l-idejat. Saviour u Tonio Ellis huma diretturi fil-kumpannija

A. F. Ellis Ltd u Tonio Ellis ma jridx jaghti l-kunsens tieghu sabiex is-socjeta` rapprezentata minnu u Saviour Ellis tipprocedi kontra s-socjeta` tieghu u ta' hutu, l-intimati l-ohra, sabiex il-kumpannija Ellis (Home Décor) Ltd tizgombra mill-fond proprjeta` tal-ewwel kumpannija. L-appellati jichdu li huma qed izommu milli ssir d-divizjoni ghax kieku ma kienux se jaghmlu dina l-kawza biex jizgumbraw il-kumpannija msemmija. Hija proprju dina l-atmosfera prezenti ta' *impasse* li tinsab fiha l-kumpannija A. F. Ellis Ltd. li tikkostitwixxi tmexxija li hija oppressiva, mhux gusta, u diskriminatorja. Ghalhekk, skond l-appellati, jezistu l-estremi kollha li trid il-ligi sabiex jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 402 tal-Kap 386.

## **Fatti mertu tal-kawza**

B'dawn il-proceduri, ai termini tal-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu li l-qorti tawtorizza lir-rikorrent Saviour Ellis sabiex f'ismu u fl-interess tal-kumpannija A. F. Ellis Limited jibda proceduri gudizzjarji kontra l-intimati biex jizgumbraw mill-fond 16, Triq Ghajn Qatet, Victoria u biex ihallsu il-penali skond dak il-ftehim milhuq bejn il-partijiet, kif ukoll sabiex il-Qorti taghti kull ordni ohra li hi necessarja biex il-kumpannija titmexxa fl-ahjar interess tal-membri taghha.

## **Kunsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

Fil-mori ta' dan l-appell, u ezattament fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2009 giet prezentata nota b'kopja ta' cedola numru 275/2009 datata 29 ta' Settembru 2009 li permezz taghha l-intimati appellanti ddepozitaw taht l-Awtorita` tal-Qorti c-cavetta tal-parti tal-fond mertu ta' dan ir-rikors. L-appellati, b'verbal ta' dakinhar stess, ghalkemm ma opponewx l-esebizzjoni tad-dokument f'dak l-istadju, ikkontestaw l-istess dokument billi sostnew li c-cedola ma tirriferix ghall-fond intier okkupat mill-intimati jew il-kumpannija A. F. Ellis (Home Décor) Ltd. billi l-fond 16, Triq Ghajn Qatet ghadu effettivament okkupat mill-intimati u d-dokument AFE, ukoll ezibit mal-imsemmija nota, ma huwiex ftehim milhuq bejn il-partijiet imma kien biss

abbozz preliminari li l-intimati ghazlu li jiffirmaw unilateralment.

Fid-dawl ta’ din il-kontestazzjoni, ghalhekk, jirrizulta li minn meta gie prezentat dana l-appell il-posizzjoni bejn il-partijiet baqghet l-istess u dina n-nota bl-ebda mod ma biddlet l-*impasse* li hemm bejn il-kontendenti. Ghalhekk il-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji tal-intimati.

Fl-ewwel aggravju l-intimati jghidu li l-ewwel Qorti marret oltre dak mitlub minnha meta awtorizzat lir-rikorrent, bla ma specifikat liema wiehed minnhom u f’liema kwalita` tieghu kellu jintavola procedura gudizzjarji kontra l-intimati u kontra A. F. Ellis (Home Décor) Ltd.

Din il-Qorti, pero`, tara li dan mhux hekk, billi l-ewwel Qorti ddecidiet li Savour Ellis kellu interess bhala membru fil-kumpannija A. F. Ellis Ltd u kellu interess guridiku li jagixxi bhala membru fl-istess kumpannija a tenur tal-Artikolu 402 tal-Kap 386. Fil-fatt fil-parti disposittiva tas-sentenza l-ewwel Qorti awtorizzat lill-Saviour Ellis biex ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija A. F. Ellis Limited jintavola l-proceduri gudizzjarji mitluba minnu u mir-rikorrenti l-ohra Josephine Ellis.

Ukoll f’dana l-aggravju l-intimati jsemmu li l-ewwel Qorti agixxiet b’mod *ultra petita* meta awtorizzat lir-rikorrent jipprocedi anke fil-konfront tas-socjeta` A. F. Ellis (Home Décor) Ltd. meta dina l-kumpannija ma kienitx parti mill-proceduri u ma saritx talba kontra taghha.

Skond l-Artikolu 402 jekk, dwar rikors maghmul skond is-subartikolu (1) jew (2), il-Qorti tkun tal-fehma li l-ilment ikun bazat sewwa u li jkun gust u ekwu li hekk taghmel, il-Qorti tista’ taghmel ordni taht dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa – u (e) tordna lill-kumpannija li tibda, tiddefendi, tkompli jew ma tkomplix procedimenti tal-qorti, jew jawtorizza lil membru jew membri tal-kumpannija li jibdew, jiddefendu, ikomplu jew ma jkomplux procedimenti tal-Qorti f’isem u ghan-nom tal-kumpannija. Dan is-subartikolu ma jirrikjediex li terz ghandu jkun parti fil-kawza li ssir fit-termini tal-Artikolu 402 u lanqas ma

jimponi xi limitazzjoni fuq il-Qorti dwar dak li hija tista' tordna li ssir l-kawza.

Jigi rilevat li f'dawn il-proceduri r-rikorrent Salvu Ellis qed jitlob awtorizzazzjoni biex jibda proceduri kontra l-intimati ghal zgumbrament u hlas ta' penali. Dina l-azzjoni pero` mhiex l-azzjoni proprja ghal zgumbrament, liema azzjoni ghad trid tigi promossa. Huwa f'dik il-kawza li l-kumpannija A. F. Ellis (Home Décor) Ltd ikollha l-opportunita' li tiddefendi lilha nfisha mit-talbiet tar-rikorrent. Fil-kawza odjerna mhiex necessarja l-presenza taghha, kif tajjeb qalet l-ewwel Qorti. L-intimati jikkontendu wkoll li l-kumpannija A. F. Ellis (Home Décor) Ltd mhiex tal-intimati, imma mill-ezami tal-atti processwali jirrizulta li dina l-kumpannija hija effettivament u de facto, jekk mhux esklussivament, ikkontrollata mill-intimati.

Fl-ahharnett dwar dana l-aggravju l-Qorti tirrileva wkoll li fost it-talbiet tar-rikorrenti hemm li l-Qorti "taghti kull ordni ohra li hi necessarja biex il-kumpannija titmexxa fl-ahjar interess tal-membri taghha" u din it-talba, fil-fehma ta' din il-Qorti, hija wiesa bizzejjed biex tinkludi anke l-ordni li ghamlet l-ewwel Qorti biex ir-rikorrent jipprocedi wkoll kontra A. F. Ellis (Home Décor) Ltd.

Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-intimati qed jigi michud.

Fit-tieni aggravju l-intimati jissottomettu li ma jirrizulta li sar xejn da parti taghhom li jista' jitqies li hu ingust, oppressiv jew diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent jew li b'xi mod qed jostakolaw il-qasma tal-istess fond.

L-Artikolu 402(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji jipprovvdi li:
"*Kull membru ta' kumpannija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b'mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x'aktarx se jkunu, oppressivi b'mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux gust ta' pregudizzju, ghal membru jew membri jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali, jista' jaghmel rikors lill-qorti ghal ordni taht dan l-artikolu.*"

Kif gia` nghad, l-Artikolu 402(3) tal-istess Att jaghti diskrezzjoni lill-Qorti li tiehu numru ta' provvedimenti jekk, dwar rikors maghmul skond is-subartikolu (1) jew (2), il-Qorti tkun tal-fehma li l-ilment ikun bazat sewwa u li jkun gust u ekwu li hekk taghmel. Ir-rikorrent ghamel ir-rikors skond is-subartikolu 402(1) u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tiddeciedi jekk il-mod kif qed jitmexxew l-affarijiet, humiex oppressivi b'mod mhux gust, diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux gust ta' pregudizzju, ghar-rikorrent u ghall-membri in generali tal-kumpannija A. F. Ellis Ltd. Ghalkemm permezz tal-Art. 402 il-Qrati jistghu jaghmlu kunsiderazzjonijiet ta' *fairness u legitimate expectations*, izda dan ma jfissirx illi l-Qrati jistghu jibdlu dak illi huwa miftiehem imma jistghu biss jaghtuh l-effett intiz.

L-Att dwar il-Kumpanniji ma jaghtix definizzjoni tal-kriterji ta' "oppressjoni b'mod mhux gust", "diskriminazzjoni" u "mod mhux gust ta' pregudizzju". Ghalhekk il-Qorti trid tirreferi ghal awtoritajiet legali Inglizi sabiex ikun jista' jiftiehem ahjar xi trid tfisser il-ligi. Jekk xi wiehed jew izjed minn dawn il-kriterji jissussistu jkun jista' jinghad li membru jew membri ta' kumpannija jkunu sofrew '*unfair prejudice*' liema terminu jinkludi fih il-kriterji kollha stabbiliti f'Artikolu 402 tal-Att.

F'***Re Bovey Hotel Ventures Ltd.*** **(1981**) Slade J. iddeskriva 'unfair prejudice' b'dan il-mod: "*The test for unfairness must, I think, be an objective, not a subjective, one. In other words it is not necessary for the petitioner to show that the persons who have de facto control of the company have acted as they did in the conscious knowledge that this was unfair to the petitioner or that they were acting in bad faith; the test, I think is whether a reasonable bystander observing the consequences of their conduct, would regard it as having unfairly prejudiced the petitioner's interests.*" (ara wkoll **Re R A Noble & Sons (Clothing) Ltd. [1983]**).

F'din il-kawza l-interess tas-socjeta` A. F. Ellis Ltd. huwa li hija tottjeni l-pussess vakant tal-proprjeta` li jappartjeni,

lilha cioe` l-fond 16, Triq Ghajn Qatet, Victoria li huwa okkupat mis-socjeta` A. F. Ellis (Home Décor) Ltd, li hija kkontrollata esklussivament u *de facto* mill-intimati. Jirrizulta li Tonio Ellis, li flimkien ma' Saviour Ellis huwa direttur fil-kumpannija A. F. Ellis Ltd, mhux se jaghti l-kunsens tieghu sabiex is-socjeta` A. F. Ellis (Home Décor) Ltd, rapprezentata wkoll minnu flimkien ma' hutu l-intimati l-ohra, tigi zgumbrata mill-fond proprjeta` tal-ewwel socjeta`. Hu ghalhekk li r-rikorrent kellu jirrikorri ghall-azzjoni skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 402 tal-Kap 386 biex jitlob awtorizzazzjoni li jizgumbra dina l-kumpannija. Lanqas ma hu l-kaz, kif l-intimati qed jippretendu f'dana l-aggravju, li r-rikorrent kellu minflok jiftah kawza ordinarja sabiex l-intimati josservaw id-dispozizzjonijiet tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet. Hu ovvju li bl-*impasse* li hemm bejn il-partijiet u minhabba l-pozizzjoni partikolari tad-diretturi u tal-azzjonisti fejn l-intimati ghandhom nofs il-kumpannija, hu skontat li ma kienx se jintlahaq ftehim biex isir dak li qed jitlob ir-rikorrent.

Issir referenza hawn ghal dak li qalet l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward.
"M'hemmx dubju wkoll li:-

(a) Minhabba dizgwid li hemm bejn ir-rikorrent u l-intimati;

(b) Il-fatt li l-ishma huma maqsuma bejn iz-zewg familji, u li l-bord ta' diretturi hu kompost minn membru ta' kull familja;

(c) Il-fatt li l-intimati huma l-azzjonisti fil-kumpannija A. F. Ellis (Home Décor) Limited, li skond l-intimati qeghda tokkupa l-fond in kwistjoni;

"m'huwiex ser ikun hemm qbil bejn id-diretturi li jinbdew proceduri gudizzjarji. Dan in kwantu l-intimati ghandhom kunflitt ta' interess. Ghalkemm l-intimati jsostnu li rrikorrent seta' facilment isejjah laqgha tal-bord tad-diretturi sabiex tittiehed decizjoni dwar jekk il-kumpannija ghandix tintavola proceduri gudizzjarji, ir-realta' hi ohra in

kwantu l-intimati ghandhom l-interessi personali taghhom u tal-kumpannija A. F. (Home Decor) Limited.

“Gialadarba sar dan il-ftehim, li ghalih kienu parti l-kontendenti u wkoll il-kumpannija A. F. Ellis Limited, r-rikorrent (bhala membru) ghandu kull interess li jara li dan il-ftehim jigi mwettaq. Wiehed ghandu jiftakar li d-drittijiet tal-membri ma jirrizultawx biss mill-istatut tal-kumpannija, imma wkoll minn ftehim separat tal-azzjonisti. Il-fatt li minkejja dak li jinghad fil-ftehim sal-lum il-kumpannija A. F. Ellis Limited ghadha ma bdietx proceduri gudizzjarji sabiex il-fond jigi zgumbrat, jista’ jinghad li qieghed jaghti lok ghal pregudizzju mhux gust lir-rikorrent li ghandu interess li jara li l-ftehim jigi mwettaq sabiex tkun tista’ ssir id-divizjoni bil-mod pattwita”.

Dina l-Qorti taqbel perfettament, mar-ragunament tal-ewwel Qorti u ssib li l-agir tal-intimati huwa oppressiv u b’mod mhux gust ta’ pregudizzju, ghax huma ma jridux johorgu mill-fond u ghalhekk r-rikorrent ghandhu jigi awtorizzat li jaghmel il-kawza ghal zgumbrament. Hu appuntu ghalhekk li l-Qorti tinghata dana l-poter fl-Artikolu 402(3)(e) tal-Kap 386 biex, kif jikteb il-Profs. Andrew Muscat fil-ktieb **Principles of Maltese Company Law:** “This power is useful in situations where the persons in control of the company, probably in their own self-interest, either refuse to allow the company to institute proceedings to safeguard its interests or otherwise hold it back from defending itself”. Dan hu dak li qed jigri f’dan il-kaz.

Il-Qorti finalment ma taqbilx ma’ dak sottomess mill-appellanti li r-rikorrent qieghed jostakola l-finalizzazzjoni tal-qasma tal-proprjeta` bejn il-kontendenti. Il-Qorti tosserva li r-rikorrent qed jipprova jottjeni l-izgumbrament tal-intimati mill-fond in kwistjoni, u ghalhekk ma jaghmilx sens li jkun hu stess li jzomm id-divizjoni tal-fond u milli jizgumbra lill-intimati. Il-korrispondenza ezibita mill-istess intimati taghti ragun lir-rikorrent.

It-tieni aggravju tal-appellanti ghalhekk qed jigi michud ukoll.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi fil-waqt li tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez tal-ewwel istanza kif deciz mill-ewwel Qorti
mentri l-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu a karigu tal-appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------